MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 02

Il-Ħamis 18 ta’ Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ‘Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże’ Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex’ nhar il-Ħamis 18 ta’ Lulju 2024 fis-6.45 ta’ filgħaxija.

## PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia - Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

## ASSENTI B’APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 02.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

02.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji minħabba li kull membru kien preżenti.

### 02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

02.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 01 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

02.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

02.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 02.3 Tqassim tar-Responsabiltajiet lill-Kunsillieri;

02.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li kkonsulta mal-membri, it-tqassim tar-responsabiltajiet ser ikun kif indikat hawn taħt:

Damien Spiteri – Sindku
- Infrastruttura
- Proġetti
- Komunitajiet
- Sports u Attivitajiet Fiżiċi
- Żgħażagħ u Tfal

Carmela Parnis- Viċi Sindku
- Indafa
- Manutenzjoni Ġenerali
- Anzjani

Kunsill Lokali Il-Munxar

John Farrugia – Kunsillier

- Ambjent
- Edukazzjoni
- Innovazzjoni

Mark Busuttil – Kunsillier

- Ix-Xlendi
- Qasam Soċjali
- Kultura

John Cassar – Kunsillier

- Integrazzjoni Soċjali
- Ħarsien tal-Annimali
- Koordinazzjoni mal-Entitajiet Pubbliċi

## 02.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

02.4.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li l-Kunsill talab uffiċċjalment sabiex jiġu skedati laqgħat ma' tlett Ministri tal-Gvern:
Laqgħa mal-Ministru Dr Chris Bonnett fir-rigward tal-iskeda u r-rotot tat-trasport pubbliku.
Laqgħa mal-Ministru Clayton Bartolo fir-rigward tal-possibilta' għall-estensjoni tal-bajja tax-Xlendi.
Laqgħa mal-Ministru Clint Camilleri fir-rigward ta' toroq ġodda fil-Munxar u r-riġenerazzjoni ta' Pjazza Anfori u Xatt ix-Xlendi fix-Xlendi.

02.4.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill irid jinforma lill-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar dwar id-data tal-attivita' tal-Karnival fil-Munxar għas-sena 2025. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex din issir nhar il-Ħamis 27 ta' Frar 2025.

02.4.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġie avviċinat mis-Sindku tal-Fontana sabiex b'kollaborazzjoni bejn iż-żewġ Kunsilli Lokali terġa' ssir l-attivita' fix-Xlendi f'għeluq l-istaġun tas-Sajf li kienet issir xi żmien ilu b'bosta logħob għat-tfal fil-baħar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

Kunsill Lokali Il-Munxar

02.4.4 Is-Sindku informa lill-membri li l-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi ser issir nhar it-18 t'Awwissu 2024. Kien hemm qbil mill-membri sabiex bħal snin oħra l-Kunsill jassisti sabiex tittella' l-Ġostra Tradizzjonali u jinkisbu l-permessi neċessarji mill-awtoritajiet.

02.4.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li żewġ għaqdiet volontarji tal-Munxar ser jorganizzaw is-sitt edizzjoni tax-*Xlendi Sunset Festival* fix-Xlendi nhar is-16 t'Awwissu 2024. Kien hemm qbil mill-membri sabiex bħall-edizzjonijiet passati, il-Kunsill jassisti u b'kollaborazzjoni magħhom jorganizza din l-attivita'.

02.4.6 Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill jibdel tlett bankijiet tal-injam li jinsabu fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar minħabba li m'għadhomx fi stat tajbin. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

02.4.7 Is-Sindku ressaq suġġeriment mgħoddi lilu minn sidien tal-opri tal-baħar sabiex jiġu nstallati xi ħoloq u lakstu mal-kument tal-moll fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

02.4.8 Is-Sindku għarraf lill-membri li fil-palm ta' Trejqet il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi nstab li hemm il-preżenza tal-bumunqar l-aħmar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex isir xogħol ta' bexx u jiġu ssalvagwardjati l-palm b'kull mezz possibli.

02.4.9 Is-Sindku informa lill-membri li wara diversi laqgħat mal-awtoritajiet fosthom mat-tmexxija tal-Pulizija tal-Komunita' u intervent min-naħa tal-Kunsill, is-sitwazzjoni tal-karrijiet u d-dgħajjes fi Pjazza Anfori fix-Xlendi ġiet għall-aħjar.

## 02.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

02.5.1 Il-Viċi Sindku, Carmela Parnis staqsiet dwar il-possibilta' sabiex isir xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix ħażin fil-passaġġ ta' Triq Marziena fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri biex isir dan ix-xogħol.

02.5.2 Il-Kunsillier, John Farrugia ressaq suġġeriment sabiex it-*telephone box* il-ħamra ta' żmien l-Ingliżi li tinsab fi Triq San Pawl fil-Munxar tiġi rrestawrata, ikkonvertita f'librerija pubblika miftuħa u rilokata f'post aktar prominenti. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan u jittieħed

Kunsill Lokali Il-Munxar

parir mill-Perit tal-Kunsill dwar il-permessi meħtieġa għal dan ix-xogħol.
Is-Sur John Farrugia ressaq suġġeriment ieħor sabiex fl-avviżi tal-Kunsilli li jmiss, tiġi nkluża informazzjoni mmirata għar-residenti li għandhom minn 60 sena 'il fuq, dwar il-passaport maħruġ bla ħlas minn *Heritage Malta* li bih wieħed ikun jista' jaċċessa siti storiċi madwar il-gżejjer Maltin. Huwa semma wkoll li l-istudenti tal-primarja u sekondarja fl-iskejjel ta' Malta u Għawdex qed jingħataw dan il-passaport ukoll. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

02.5.3 Il-Kunsillier, John Cassar ressaq suġġeriment sabiex il-Kunsill jorganizza wirja tal-annimali fil-Munxar fil-jiem ta' qabel il-Festa f'Mejju 2025. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.
Huwa ressaq proposta sabiex il-Kunsill jagħmel talba u jitlob l-għajnuna lill-Ministeru Għal Għawdex biex isir xogħol ta' tindif f'passaġġ magħruf bħala tas-"Sidra". Kien hemm qbil mill-membri dwar dan wara li jiġi vverifikat jekk dan il-passaġġ huwiex pubbliku.

## 02.6 Proġetti fil-Lokalita';

02.6.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-proġetti li mistennija li jibdew fil-ġimgħat li ġejjin huma dawn:
Il-proġett ta' riġenerazzjoni tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka fejn ser isir xogħol fuq *central strip*, żieda ta' *soft area*, sistema ta' dawl ġdida u monument tal-merħba fil-lokalita'. Is-Sindku informa lill-membri li dan il-proġett ser ikun iffinanzjat minn żewġ skemi, waħda maħruġa mill-Awtorita' tal-Ippjanar u oħra mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali SPI/SCI/9/2022.
Il-proġett minn Enemalta PLC ta' tisħiħ fl-infrastruttura tad-distribuzzjoni tad-dawl fix-Xlendi fejn baqa' jingħata wiċċ ġdid ta' Triq San Xmun u Triq Il-Kantra fix-Xlendi, liema xogħol ser isir wara l-istaġun tas-Sajf.
Tkomplija ta' bdil għall-fanali dekorattivi fix-Xlendi fejn il-Kunsill qed jistenna riżultat ta' skema ta' finanzjament maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali SPI/SCI/2/2024 biex isiru fanali dekorattivi ġodda fil-parti ta' fuq tax-Xlendi.
Installazzjoni ta' bust tal-Professur Ġuże' Aquilina minn skema tal-Aġenzija LESA fejn il-Kunsill għandu kuntratt ta' finanzjament iffirmat. Fil-ġimgħat li ġejjin se tinħareġ is-sejħa għall-offerti kif ukoll issir l-applikazzjoni għall-permess mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

Kunsill Lokali Il-Munxar

Tkomplija ta' *railing* fi Triq San Xmun wara l-*bus shelter* fejn il-parkeġġ. Għal dan il-proġett il-Kunsill qed jistenna opportunita' ta' finanzjament biex ikun jista' japplika għall-permessi neċessarji biex isir dan il-proġett.

02.6.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li bħalissa l-Kunsill għaddej bi thejjija biex japplika għal skema ta' fondi ewropej taħt il-programm Leader ġestita minn Gozo Action Group Foundation.

**02.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;**

02.7.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Ceramics Festival – Xatt Ix-Xlendi u Triq Ir-Rabat, Xlendi – 3 t'Awwissu 2024;
- Xlendi Sunset Festival – Triq Il-Kantra, Xlendi – 16 t'Awwissu 2024;
- Ġostra Tradizzjonali u Canoe Races – Bajja tax-Xlendi – 18 t'Awwissu 2024;
- Attivita' Reliġjuża – Triq Madonna tal-Karmnu u Pjazza tal-Knisja fil-Munxar – Lulju 2024.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

02.7.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Il-Kunsill Reġjonali Għawdex sabiex bħalma sar is-sena l-oħra, jospita' żgħażagħ Ukreni għal nofs ġurnata u jeħodhom f'postijiet ta' interess madwar il-lokalita'. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan u ġie deċiż li l-Kunsill jilqa' lil dawn iż-żgħażagħ nhar it-Tlieta 20 t'Awwissu 2024.

02.7.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Emil Vassallo, Direttur Ġenerali fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali bi stqarrija maħruġa mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, L-Arti u l-Gvern Lokali li titratta emendi li saru fir-regolamenti dwar it-tqegħid ta' caravans. Il-Kunsill innota l-kontenut.

02.7.4 Il-Kunsill irċieva rapporti mingħand Transport Malta rigward żewġ applikazzjonijiet għall-parkeġġi riservati personalizzati fi Triq Puniċi, Xlendi u fi Triq Kolaċi, Xlendi. Il-membri tal-Kunsill ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

Kunsill Lokali Il-Munxar

02.7.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex bi proposta sabiex l-attivitajiet li jkunu qed iseħħu madwar Għawdex jiġu reklmati fuq il-*website* tal-Kunsill Lokali, b'dawk tal-lokalita' jkunu fuq il-paġna prinċipali. Kien hemm qbil mill-membri għal din il-proposta.

02.7.6 Il-Kunsill irċieva konferma mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali li rċieva r-risposta tal-Kunsill fir-rigward tal-ittra ta' direzzjoni mill-awdituri.

02.7.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand *Transport Malta* b'approvazzjoni għall-pjan propost ta' tqassim tal-parkeġġi fi Triq Puniċi fix-Xlendi, kif ukoll għall-pjan propost biex jiġu nstallati tabelli li juru liema vetturi għandhom id-dritta fi Triq Ras Il-Bajjada. Il-Kunsill innota l-kontenut.

02.7.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Saces, organizzazzjoni studenteska fil-fakulta tal-ambjent mibni, sabiex jorganizzaw *workshop* fit-Torri tax-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tinġibed l-attenzjoni dwar id-diffikulta' fl-aċċess u l-parkeġġi mitluba.

02.7.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex b'informazzjoni dwar il-bdil fir-regolamenti dwar il-materjal tal-borża s-sewda tal-iskart li trid tkun trasparenti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

02.7.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex fejn inġibdet l-attenzjoni sabiex il-*pedal cycles* mogħtija minnhom għandhom ikunu rreġistrati mal-awtorita' kompetenti. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li għaddej b'korrispondenza mas-Sur Peter Ray Said fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Għawdex dwar dawn ir-reġistrazzjonijiet.

02.7.11 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali b'approvazzjoni u kuntratt ta' ftehim għall-finanzjament tal-iskema għall-attivitajiet kulturali annwali 2024/2025 – SPI/SCI/5/2024. B'din l-iskema l-Kunsill ser ikun qed itella' r-raba' edizzjoni tal-Munxar Fireworks & Gastronomy Festival. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex jiġi ffirmat dan il-ftehim ta' finanzjament.

02.7.12 Ċirkulari Nru AKL 2024/040 – Sedqa Research Study – 'Substances in the Organisational Culture'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

02.7.13 Ċirkulari Nru AKL 2024/041 – Melodija 06/07/2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

02.7.14 Ċirkulari Nru AKL 2024/042 – Smart Communities Network. Il-Kunsill innota l-kontenut.

02.7.15 Ċirkulari Nru AKL 2024/043 – RIGHTS Training third round. Il-Kunsill innota l-kontenut.

02.7.16 Ċirkulari Nru AKL 2024/044 – Blue Heart Campaign 2024 – Request to light up Local Councils and main buildings in blue (22-30 July). Il-Kunsill innota l-kontenut.

02.7.17 Ċirkulari Nru AKL 2024/045 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

02.7.18 Ċirkulari Nru AKL 2024/046 – HRC side event 4 July at 1-2pm CEST "Capacity builidng for local governments to realize human rights for all". Il-Kunsill innota l-kontenut.

02.7.19 Ċirkulari Nru AKL 2024/047 – Group Life Policy 2024-2025 għall-membri eletti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

02.7.20 Ilment 18/2024

Resident jitlob sabiex tiġi kkunsidrata l-possibilta' ta' double yellow lines fil-kantuniera ta' Triq Dun Spir Gauci ma' Triq Rinota fil-Munxar sa ħdejn l-entratura tal-garaxxijiet ta' Williams Court. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir mill-Perit tal-Kunsill.

02.7.21 Ilment 19/2024

Resident jilmenta dwar sidien ta' klieb li mhux inaddfu warajhom fi Triq It-Torri k/ma Triq Qsajjem fix-Xlendi. Kien hemm qbil sabiex tingibed l-attenzjoni tal-Pulizija tal-Komunita' għal aktar infurzar u tal-*Public Cleansing* għal aktar xogħol ta' tindif fl-inħawi.

02.7.22 Ilment 20/2024

Residenta tilmenta dwar żibel li qed jintefa' fuq iċ-ċint tal-proprjeta' tagħha fi Triq It-Torri fix-Xlendi. Kien hemm qbil sabiex tingibed l-attenzjoni tal-Pulizija tal-Komunita' għal aktar infurzar u jintbagħat avviż f'dawk l-inħawi.

Kunsill Lokali Il-Munxar

02.7.23 Ilment 21/2024
Residenta tilmenta dwar nuqqas ta’ ndafa pubblika fi Triq Żirżieb fix-Xlendi kif ukoll li lemħet il-preżenza ta’ ġrieden. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tingibed l-attenzjoni tal-*Public Cleansing* kif ukoll tad-Dipartiment tas-Sanita. L-istess residenta ssuġeriet sabiex tiġi nstallata ATM tal-Bank Of Valletta fix-Xlendi iżda l-Kunsill m’għandu l-ebda post fejn jista’ jissuġġerixxi lil dan il-bank.

02.7.24 Ilment 22/2024
Residenta titlob sabiex jingħalaq il-bieb tal-għalqa tagħha b’ħajt tas-sejjieħ li tħalla miftuħ meta sar il-proġett tal-Gvern Ċentrali ta’ bini ta’ ħitan tas-sejjieħ fi Triq Ras il-Bajjada fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jiġi riferut lill-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar.

02.7.25 Ilment 23/2024
Residenta titlob għall-metru *double yellow line* kull naħa tal-garaxx tagħha fi Triq Il-Qroll fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

02.7.26 Ilment 24/2024
Sid ta’ stabiliment fix-Xlendi jitlob sabiex jitwaħlu tabelli biex ma jpoġġux boroż taz-zibel quddiem il-proprjeta’ tiegħu. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

02.7.27 Ilment 25/2024
Resident jitlob sabiex isiru double yellow lines quddiem il-proprjeta’ tiegħu għax ma jkun jista’ jaċċessa l-garaxx. Kien hemm qbil mill-membri sabiex ir-resident jiċċara t-talba tiegħu billi jindika fejn qed jitlob li jsiru dawn il-marki stradali u l-użu tal-*ground level*.

02.7.28 Ilment 26/2024
Residenta titlob sabiex jiġi nstallat *dog bin* fl-inħawi ta’ Andar Residences. Kien hemm qbil li ssir spezzjoni fuq il-post biex jiġi identifikat post fejn jista’ jiġi nstallat.

02.7.29 Ilment 27/2024
Resident jilmenta dwar opri tal-baħar, li fil-fehma tiegħu huma abbandunati, li qed jokkupaw parkeġġi tal-vetturi fi Triq is-Sajjieda fix-

Kunsill Lokali Il-Munxar

Xlendi. Kien hemm qbil sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-Pulizija tal-Komunita'.

02.7.30 Ilment 28/2024
Resident jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkunsidra l-*islope* ta' rampa li saret fil-bankina fi Triq Profs. Ġużè Aquilina fil-Munxar, minħabba li xorta għadhom isibu diffikulta' ta' aċċess b'siġġu tar-roti. Il-Kunsill saħaq li r-rampa msemmija saret skont l-istruzzjonijiet tal-Perit tal-Kunsill, madanakollu kien hemm qbil sabiex terġa' tintalab l-assistenza teknika tal-Perit biex tissolva l-kwistjoni.

02.7.31 Ilment 29/2024
Resident jitlob sabiex isir intervent mill-awtoritajiet u jitneħħa ġebel kbir li akkumula taħt il-baħar max-xtajta tax-Xlendi, li qed jostakola aċċess lill-għawwiema biex jinżlu jgħumu. Kien hemm qbil sabiex tinġibed l-attenzjoni lill-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar.

## 02.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

02.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 02/2024-9 għall-perjodu bejn il-31 ta' Mejju 2024 u t-18 ta' Lulju 2024 li tammonta għal €40,666.39 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Farrugia s-sekondant.

## 02.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

02.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 29 t'Awwissu 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 29 t'Awwissu 2024.

,

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali Il-Munxar